**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2015

Rikors Ġuramentat Nru 224/2015

**Moira Edwards (ID 259473(M))**

**vs**

**David Ebejer (ID 78072(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Moira Edwards (ID 259473(M))** ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2015 fejn esponiet u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 12 ta' Diċembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, l-intimat ikkostitwixxa ruħu veru ċert u likwidu debitu a favur tal-esponenti fis-somma ta' LM9,800, liema somma kienet restitwibbli fi żmien tliet snin minn dakinhar, bla imgħax.*

*Illi l-istess intimat kien iddikjara illi kellu jkun hemm dekadenza tal-benefiċċju appena msemmi fil-każ li jkun moruż fi ħlas ta' żewġ pagamenti;*

*Illi l-intimat baqa' qatt ma ħallas l-imsemmija somma, u għalhekk dan id-debitu għadu dovut, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi.*

*Illi l-istess att pubbliku qatt ma ġie eżegwit mill-esponenti.*

*Illi l-esponenti tixtieq teżegwixxi dan l-att pubbliku stante li llum għaddew ħdax-il sena minn mindu ġie ppublikat.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzaha teżegwixxi t-titolu eżekuttiv derivanti mill-att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-12 ta' Dicembru, 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, hawn anness u markat bħala Dok. A.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **David Ebejer (ID 78072(M))** ippreżentata fis-27 ta' Marzu 2015 fejn eċċepixxa s-segwenti:

1. *Primarjament ir-rikorrenti għandha tindika taħt liema provvediment tal-liġi qiegħda tipproponi t-talba;*

2. *Bla preġudizzju għas-suespost, huwa improponibbli li r-rikorrenti tipprova tirrendi eżegwibbli skrittura privata li lanqas mhija ffirmata mill-partijiet;*

3. *L-Artiklu 253 Kap 16 (recte: Kap 12) isemmi x'inhuma l-affarijiet li huma eżegwibbli, senjatament isemmi taħt is-subinċiż (b) li l-kuntratti riċevuti min-Nutar Pubbliku huma atti li huma eżegwibbli, meta l-iskrittura annessa mar-rikors promotur ma tidher bl-ebda mod li għandha l-forma ta' kuntratt iżda tidher biċ-ċar li hija sempliċi skrittura privata li ġiet insinwata, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt hawn fuq indikat li lanqas mhija ffirmata bejn il-partijiet;*

4. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-iskrittura annessa mar-rikors promotur hija skrittura privata u mhux kuntratt li se mai setgħet ġiet insinwata, madanakollu bl-ebda mod ma tirrendiha kuntratt;*

5. *F'kull każ din l-iskrittura hija ormaj preskritta u dan peress li għaddew iktar minn ħdax-il sena minn fuqha.*

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokument li ġie esebit mir-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 t'Ottubru 2015 li permezz tiegħu l-intimat ammetta li fadallu jagħti €5,834 li obbliga ruħu li jħallas f'ħames (5) pagamenti f'ħames (5) snin, bl-ewwel pagament dovut sena mill-14 ta' Ottubru, 2015 mingħajr mgħax. L-intimat qabel ukoll illi jekk jonqos iħallas xi pagament fi żmien ġimagħtejn minn meta jiġi interpellat, il-bilanċ isir dovut kollu bl-imgħax ta' 8% minn dakinhar tad-dekadenza. Il-partijiet qablu wkoll illi l-ftehim jifforma parti mill-eventwali ġudizzju tal-Qorti, u illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

Rat il-verbal tal-istess seduta fejn ir-rikors tħalla għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi m'hemmx dubbju li d-dokument esibit huwa vera kopja, awtentikata minn Nutar Pubbliku, ta' kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu, debitament insinwat, tant li saħansitra jikkostitwixxi ipoteka speċjali. Għalhekk il-kuntratt inkwistjoni jikkwalifika bħala titolu eżekuttiv a tenur tal-Artiklu 253(b) tal-Kap 12.

L-azzjoni odjerna hi proċedura skont l-Artiklu 258(ċ) Kap 12, li jistipula li "wara … l-għeluq ta' tliet snin minn dakinhar li fih skont il-liġi t-titolu eżekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b)… tal-Artikolu 253… seta' ġie eżegwit, l-eżekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."

Illi kif ġie mgħallem mill-Qrati tagħna, "it-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"*hinc inde remissum*", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku" (Kollez. Vol. XLIII.i.418). It-transazzjoni "għandha l-effett ta' sentenza li

tgħaddi f'ġudikat u għalhekk it-transazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi f'dan il-każ permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partijiet għażlu li minflok it-tranżazzjoni ta' bejniethom tissostitwixxi s-sentenza, talbu li din tiġi inkorporata fis-sentenza. Din il-Qorti ma tistax ħlief tagħti fidi lil din it-tranżazzjoni u ma tista' żżid jew tnaqqas xejn minn dak bonarjament akkordat bejn il-partijiet.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u qiegħda tawtorizzaha li teżegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 12 ta' Diċembru, 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, limitatament għas-somma ta' €5,834 li għandhom jitħallsu f'ħames (5) pagamenti ugwali f'ħames (5) snin u ċjoè pagament ta' €1,166.80 kull sena, bl-ewwel pagament dovut fl-14 t'Otttubru, 2016 bla mgħax; b'dan illi jekk l-intimat jonqos milli jħallas pagament wieħed fi żmien ġimagħtejn minn meta jiġi interpellat biex jeffettwa l-ħlas, il-bilanċ isir dovut kollu bl-imgħax ta' 8% minn dakinhar tad-dekadenza.**

**Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija

-------------------TMIEM--------------------